# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 212/2022**

Il-Pulizija

(Spettur Trevor Micallef)

vs

**Roderick Grech**

iben Grazio imwieled Pieta' fl-10 ta' Novembru 1985, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 554285M

Illum il-25 ta' Novembru 2022,

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant Roderick Grech, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fil-lejl ta' bejn is-17 u it-18 ta' April 2022 għal ħabta ta' nofs il-lejl, kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 05 ta' April 2021 mill-Imħallef Giovanni Grixti LL.D. li permezz tiegħu huwa ngħata il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet. Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija titratta mal-imputat bħala reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 579(2), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali sabet lil Roderick Grech, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u kkundannatu multa ta' elf ewro (€1000) kif ukoll ordnat ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest u ordnat mill-ġdid l-arrest ta' Roderick Grech kif ukoll il-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tal-garanzija personali li ġew imposti fuqu fid-digriet għall-ħelsien mill-arrest mogħti mill-Qorti Kriminali hekk kif presjeduta mill-Onor. Imħallef Giovanni Grixti nhar il-05 ta' April 2021.

Rat ir-rikors tal-appellant Roderick Grech minnu ppreżentat fis-16 ta' Mejju 2022 fejn talab lil din il-Qorti jogħoġobha tiddikjara s-sentenza tal-Ewwel Qorti bħala nulla u bla effett u b'hekk tordna illi l-atti jerġgħu jiġu rimessi quddiem l-Ewwel Qorti u dan sabiex l-appellant ma jitlifx il-benefiċċju tad-*doppio esame*, sussidjarjament u f'każ biss lli l-Qorti ma tilqax l-ewwel talba kif dedotta, tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn fuq ammissjoni sabet lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontrih, pero' tvarjaha in kwantu għal piena inflitta u dan billi tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta għal dan il-każ.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

L-appellant preliminarjament jissolleva il-preġudizzjali dwar in-nullita' tas-sentenza appellata għar-raġuni illi d-data indikata fis-sentenza mhijiex id-data li fiha inqrat is-sentenza fil-Qorti bil-miftuħ.

Illi l-Qorti eżaminat l-atti proċesswali minn fejn jemerġi illi l-appellant tressaq bl-arrest quddiem l-Ewwel Qorti fit-18 ta' April 2022, f'liema data huwa irreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu. Il-Qorti għalhekk ħalliet il-kawża għas-sentenza għas-seduta tat-28 ta' April 2022[1]. Illi l-verbal tas-seduta tat-28 ta' April 2022 jaqra hekk testwalment:

> **"Meta ssejjhet il-kawza deher l-Ispettur Darren Buhagiar amicus curie għall-Uffiċjal Personali.**
> **Deher l-imputat assistit minn Dr. Francesca Zarb.**
> **Bi qbil bejn il-partijiet inqrat id-decide.**
> **Deciza."**

Illi wara ul-verbal hemm inserita fil-proċess is-sentenza li ġġib id-data tal-05 ta' Mejju 2022 u mhux dik tat-28 ta' April 2022, il-jum li mill-verbal hawn fuq iċċitat jidher li inqrat fil-qorti bil-miftuħ.

Illi huwa evidenti allura illi sar żball fis-sentenza dattilografata fir-rigward tad-data meta is-sentenza ngħatat fil-qorti, billi mill-atti proċesswali huwa ndubitat illi s-sentenza ġiet mogħtija fit-28 ta' April 2022. L-appellant qiegħed jikkontendi għalhekk illi s-sentenza hija nulla u l-każ għandu jinstema' mill-ġdid.

Issa l-artikolu 520(ċ) tal-Kodiċi Kriminali jirrendi applikabbli fost oħrajn id-disposizzjonijiet tal-artikolu 175 tal-Kodiċi Tal-Organizzazzjoni u Proċedura Civili għal proċeduri kriminali u dan *mutatis mutandis*. Illi dan l-artikolu tal-liġi kien reż applikabbli għal qrati tal-ġustizzja kriminali permezz tal-Att XXII tal-2005. L-artikolu 175(2) tal-Kap.12 jiddisponi illi:

---

[1] Ara verbal tat-18 ta' April 2022 a fol.2 tal-proċess

**(2) Kull qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f'kull żmien sas-sentenza, li jissewwa kull żball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell jew fit-tweġiba, kif ukoll kull żball fl-isem tal-qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalità li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata[2].**

Illi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar dak li għandu jkun fiha sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, *ad validatem* meta hemm hekk dispost:

**"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun gie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat".**

Illi allura l-iżball fis-sentenza ma huwiex wieħed mir-rekwiżiti li n-nuqqas tiegħu jirrendi sentenza nulla sabiex b'hekk isib applikazzjoni l-artikolu 175 tal-Kap,12 li permezz tiegħu din il-Qorti issa fi stadju ta' revizjoni għandha is-setgħa li tikkoreġi tali żball u dan meta tiġi biex tiddisponi minn dan l-appell. Illi r-*ratio legis* wara l-artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l-piena ghal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qed tinstab il-htija. Id-data tas-sentenza mhijiex waħda mir-rekwiziti li jistgħu iġibu in-nullita' lamentata. Għal dawn il-motivi filwaqt li l-Qorti tordna li ssir korrezzjoni fid-data tas-sentenza appellata billi din għandha taqra it-28 ta' April 2022 minflok il-05 ta' Mejju 2022, u dan in linja mal-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tal-jum meta is-sentenza inqrat fil-qorti bil-miftuħ, tiċħad l-ewwel aggravju imqanqal mill-appellant.

Illi jifdal għalhekk biex ikun ikkunsidrat it-tieni u l-aħħar aggravju imressq 'il quddiem mill-appellant fejn huwa jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti tal-multa ta' €1000 flimkien mar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-konfiska tal-garanzija personali imposta fuqu fid-digriet għal-għoti tal-ħelsien mill-arrest tal-05 ta' April

[2] Sottolinjar tal-Qorti

2021, hija eċċessiva u dan għar-raġunijiet elenkati fir-rikors tal-appell fosthom illi l-piena għandha tkun immirata lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati u għandha tkun waħda retributtiva lejn is-soċjeta' u l-vittmi tar-reat kif ukoll timmira li tkun preventiva mit-twettiq ta' reati oħra.

Illi l-Ewwel Qorti meta ġiet biex tikkalibra l-piena ġusta li kellha tiġi inflitta fuq il-kundannabbli elenkat diversi raġunijiet li wassluha għal din il-kalibrazzjoni, u ċioe' il-fedina penali refrattarja tal-imputat fejn huwa kellu kundanni oħra għal ksur mertu ta' dawn il-proċeeduri, l-ammissjoni bikrija tiegħu, il-fatt li l-imputat kien reċediv,nuqqas ripetut tal-imputat milli josserva il-kundizzjonijiet impost fuqu fid-digriet għal ħelsien mill-arrest u finalment il-fatt illi għalkemm l-imputat ingħata diversi opportunitajiet mill-qrati sabiex jirriforma ħajtu huwa baqa' inadempjenti. Qieset illi l-appellant għal diversi drabi wera li ma kienx lest li joqgħod għal ordnijiet tal-qorti bi ksur ripetut, kif ingħad, biex b'hekk il-Qorti iddikjarat illi huwa ma għadux qed joffri dawk il-garanziji meħtieġa u li jistgħu iserrħu ras il-Qorti illi ser jobdi l-ordnijiet tagħha u għalhekk għaddiet biex tirrevoka d-digriet tal-ħelsien mill-arrest mogħti mill-Qorti Kriminali fil-05 ta' Mejju 2021.

Illi l-Qorti m'għandiex wisq x'iżżid ma dawn il-konsiderazzjonijiet. Illi minn daqqa t'għajn lejn il-fedina penali tal-appellant jirriżulta illi mis-sena 2006 sal-lum huwa kellu sittax-il kundanna għal diversi reati fosthom pussess illegali ta' armi, insubordinazzjoni, offiżi gravi fuq il-persuna, reati marbuta ma' evazjoni ta' taxxa u VAT, ħsara volontarja, serq u tliet kundanni għar-reat imfassal fl-artikolu 579 dwar ksur ta' digrieti tal-ħelsien mill-arrest, fosthom ksur preċedenti tal-istess digriet li dwaru huwa kien misjub ħati f'dawn il-proċeduri. F'dan ix-xenarju il-Qorti ma tistax tirriavviża ebda piena li tista b'xi mod isservi ta' deterrent għall-imġieba devjanti tal-appellant ħlief dik imposta fuqu mill-Ewwel Qorti, li del resto lanqas kienet waħda restrittiva ta' liberta', għalkemm l-appellant kien misjub ħati ukoll tal-addebitu tar-reċediva. Illi fir-rigward tar-revoka tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest tal-Qorti Kriminali tal-05 ta' Mejju 2021, il-Qorti hija tal-fehma illi tenut kont li l-appellant

wera għal darba darbtejn li mhuwiex bniedem affidabbli u li ripetutament qiegħed jikser dan id-digriet allura ma hemm ebda raġuni 'il għala hija għandha titbiegħed mill-fehma tal-Ewwel Qorti li ordnat ir-revoka tal-istess, kif lanqas ma hemm ebda mottiv li jista' iwassalha titbiegħed mill-ordni ta' konfiska tal-garanzija personali imposta fuq l-appellant ta' €2000.

Illi l-appellant irid juri lil Qorti illi tista' tagħtih affidament u li jkollha is-serħan tal-moħħ li meta hija timponi fuqu il-kundizzjonijiet li joffru il-garanziji meħtieġa fl-artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali, huwa lest li jottempera ruħu magħhom. L-imġieba tiegħu sa issa hija indikattiva li dawn il-garanziji ma jistax jagħtihom billi lanqas iressaq l-iċken mottiv li jindika r-raġuni li wasslitu sabiex ma joqgħodx għal dawn il-kundizzjonijiet. Illi huwa minnu li l-ewwel u qabel kollox il-piena għandha timmira lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati, iżda jidher illi l fil-każ tal-appellant il-qrati tawh iktar minn opportunita' waħda sabiex jasal għar-riforma f'ħajjtu bit-tama li jitbiegħed mill-ħajja tal-kriminalita', iżda jidher illi huwa ma hux lest joqgħod għal dak li tgħidlu l-Qorti. Fuq kollox il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, kif ingħad, ma kenitx waħda restrittiva tal-liberta', u r-revoka tal-ħelsien mill-arrest tiegħu hija konsegwenzjali għal ksur ripetut tal-ordni tal-qorti tant illi llum huwa m'għadux jissodisfa ir-rekwiziti maħsuba fl-artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali, b'mod speċjali is-sub-inċiż (1)(ċ) tiegħu. Għalhekk anke dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, b'dan illi l-Qorti permezz ta' din is-sentenza qed tordna korrezzjoni fid-data tas-sentenza appellata li għandha taqra it-28 ta' April 2022 kull fejn tirrikorri fl-istess sentenza.

Edwina Grima
Imħallef